

**Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-000296/2014**

**lill-Kummissjoni**

Artikolu 117 tar-Regoli ta' Proċedura

**Andrey Kovatchev (PPE), Peter Liese (PPE), Alojz Peterle (PPE), Françoise Grossetête (PPE), Petru Constantin Luhan (PPE) u Claudette Abela Baldacchino (S&D)**

Suġġett:      Rwol tal-Kummissjoni fl-avvanz ta' sforzi sabiex ikun żgurat aċċess universali għal servizzi tas-saħħa għall-pazjenti li jkunu ta' kwalità għolja u li jikkonċentraw fuq in-nies

Wara l-konferenza li saret waqt il-Presidenza Litwana tal-Kunsill fuq is-Sistemi tas-Saħħa Sostenibbli għal Tkabbir Inklussiv fl-Ewropa, u d-'Dikjarazzjoni ta' Vilnius' li rriżultat minnha, li titlob għal aċċess universali għal servizzi tas-saħħa ta' kwalità għolja u li jikkonċentraw fuq in-nies u għal approċċ ta' sħubija biex ikunu identifikati soluzzjonijiet effettivi biex tittejjeb l-ekwità tal-aċċess, xi rwol jista' jkollha l-Kummissjoni fl-avvanz ta' dan ix-xogħol, b'mod partikolari rigward il-kejl, l-evalwazzjoni, it-tqabbil u t-titjib ta' tali aċċess madwar u fi ħdan l-Istati Membri tal-UE?